# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF
# JOSEPH AZZOPARDI

## Illum il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru 2018

**Kawża Nru: 21**

**Rik Ġur Nru: 517/13 JA**

**Giuseppi Sciortino, Caterina Gatt u Filippa Farrugia; u b'digriet tal-4 ta' Jannar 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Raymond Farrugia, John Farrugia, u Stephen Farrugia *stante* li ommhom Filippa Farrugia mietet fil-mori tal-kawża**

**vs**

**Alfred Sciortino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li ġie ppreżentat fil-**31 ta' Mejju 2013** fejn ġie premess:

Illi l-kontendenti huma lkoll aħwa Sciortino, ulied il-mejtin Francesco Saverino Sciortino u Angela Sciortino nee Cascun li mietu rispettivament fil-5 ta' Frar 1990 u fid-9 ta' Frar 1979.

Illi bis-saħħa tal-aħħar testmenti tagħhom, wieħed fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-28 ta' Ottubru 1987 u l-ieħor *unica charta* fl-atti Nutar Jeanette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979, Francesco Saverino Sciortino u Angela Sciortino nnominaw b'eredi universali u padruni assoluti tal-ġid kollu tagħhom lill-kontendenti, flimkien f'sehem indaqs u indiviżament bejniethom.

Illi konsegwentement, il-ġid kollu li kienu jippossjedu Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino rispettivament fid-data tal-mewt tagħhom għadda għand il-kontendenti, fis-sehem ta' kwart indiviż ($^{1}/_{4}$) kull wieħed u waħda minnhom.

Illi *inoltre*, bis-saħħa tat-testmenti fuq imsemmija, kemm Francesco Saverio Sciortino u anke Angelo Sciortino ħallew ġid partikolari bi prelegat favur kull wieħed u waħda mill-esponenti.

Illi l-esponenti qablu li jimmettu lil xulxin fil-pussess tal-prelegati msemmija, pero' sallum il-konvneut baqa' ma resaqx biex jimmetti lill-esponenti fil-pussess tas-sehem tiegħu.

Illi *inoltre*, l-esponenti ilhom żmien li avżaw lill-konvenut li ma jridux jibqgħu jżommu in komun miegħu l-ġid provenjenti lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, u nterpellawh kemm bonarjament u anke uffiċjalment biex jersaq għall-qasma.

Illi minkejja d-diversi laqgħat li saru bejn il-partijiet bl-intiża li jaslu, u minkejja d-diversi wegħdiet tal-konvenut li jikkopera, sallum huwa baqa' ma resaqx għall-qasma, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tirriżulta meħtieġa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:

(1) tillikwida l-assi ereditarji rispetti ta' Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino;

(2) tikkundanna lill-konvenuti jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponent Giuseppe Sciortino tal-prelegat tal-fond 54, Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, bil-ġnien, kif deskritt fit-tielet artikolu tat-testment *unica charta* pubblikat min-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979;

(3) tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponenti Filippa Farrugia tal-prelegati tal-ġnien aċċessibbli mill-fond 36, Triq Ħali, Żebbuġ, u tan-nofs indiviż tal-għalqa 'Ta' Bajdun', fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, kif deskritti fir-raba' artikolu tat-testment *unica charta* pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979;

(4) tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponenti Caterina Gatt tal-prelegati tal-fond 14 u 15, Muxi Square, Żebbuġ, u tan-nofs indiviż tal-għalqa 'Ta Bajdun', fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, kif deskritti fir-raba' artikolu tat-testment *unica charta* pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979;

(5) taqsam il-bqija tal-ġid ta' Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino f'erba' porzjonijiet, u tassenja lill-kontendenti l-porzjon rispettiva okkorrendo bl-assistenza ta' perit arkitett.;

(6) F'każ li jirriżultaw xi beni li mhumiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni, bl-ammissjoni ta' offerti barranin taħt dawn il-provvedimenti xierqa u opportuni, u tordna wkoll li r-rikavat jinqasam bejn il-bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom;

(7) tinnomina Nutar Pubbliku għall-publikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Alfred Sciortino li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Lulju 2013 fejn ġie eċċepit:

Illi huwa ma jopponix għad-diviżjoni mitluba;

Illi in kwantu jirrigwarda t-talba għall-immissjoni fil-pussess ta' legati din hija preskritta għat-tenur tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi *inoltre* josta għall-parti tat-talbiet tal-attur il-ġudikat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-istess ismijiet *stante* l-art li ġiet trasferita lill-konvenut Alfred Sciortino tappartjeni lill-istess Alfred Sciortino u ma tifformax parti mid-diviżjoni;

Illi *inoltre* anke kieku kellha tittieħed in konsiderazzjoni din l-art fid-diviżjoni trid tittieħed in konsiderazzjoni kull propjeta legata jew trasferita mill-ġenituri lill-kondividendi;

Illi dwar id-dikjarazzjonijiet fil-paragrafu wieħed sa tlieta tar-rikors promotur ma hemmx kontestazzjoni;

Illi fir-rigward tal-fatti fir-raba' paragrafu tħallew imma mhux prelegati lill-werrieta u dan evidentement akkont ta' sehemhom;

Illi fir-rigward tal-ħames paragrafu tad-dikjarazzjoni llum kull talba għall-immissjoni fil-ġussess hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' għaxar snin mill-mewt tad-deċujus;

Illi fir-rigward ta' dak dikjarat fis-sitta u seba' paragrafi kien hemm nuqqas tal-atturi li l-partijiet ma waslux għall-qasma u mhux nuqqas tal-konvenut;

Illi l-esponent ma għandux ibati spejjeż tal-kawża.

Salvi eċċezzjonijiet oħra billi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lix-xhieda prodotta.

Rat li fl-**14 ta' Jannar 2015** l-atturi ddikjaraw li kienu għalqu l-provi.

Rat li fis-seduta tal-**20 ta' April 2015** kienet innominat lill-A.I.C. Valerio Schembri bħala perit tekniku biex *"jirrelata dwar l-ewwel u l-aħħar tliet talbiet tal-atturi"*.

Rat li fid-**29 ta' April 2015** l-atturi kienu ppreżentaw rikors fejn wara li aċċennaw għall-fatt li hemm kwistjoni legali li trid tiġi determinata minn din il-Qorti qabel ma jiġi nominat perit tekniku biex jipprepara l-pjan tal-qasma (**u senjatament il-kwistjoni dwar jekk il-konvenut għandux id-dritt li jagħżel bi preferenza fuqhom, liema raba mill-għalqa "*Tal- Ħrieri*" għandha tiġi assenjata lilu fid-diviżjoni)**, talbu lil din il-Qorti tħassar l-ordni tagħha tal-20 ta' April 2015 li permezz tagħha nnominat lill-perit tekniku biex jirrelata dwar *"l-ewwel u l-aħħar tliet talbiet tal-atturi"* u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut dwar it-talbiet attriċi.

Rat li fil-**31 ta' Lulju 2015** il-konvenut kien oppona għar-rikors tal-29 ta' April 2015 u argumenta li t-talba fir-rikors promutur hija waħda għal diviżjoni u biex issir diviżjoni wieħed irid jirrikorri għan-nomina ta' perit biex jistabbilixxi l-modalita' kif għandha ssir tali diviżjoni.

Rat li fis-seduta tal-**4 ta' Novembru 2015** din il-Qorti laqgħet ir-rikors tal-atturi u konsegwentement issospendiet l-inkarigu tal-perit tekniku.

Rat li fis-seduta tal-**5 ta' Frar 2016**, ***"Il-partijiet jaqblu li l-provi jsiru fuq il-vertenza kollha, iżda imbagħad il-Qorti tiddeċiedi dwar l-estenzjoni tal-legat tal-għalqa Tal-Ħrieri".***

Rat li fis-seduta tal-**20 ta' April 2016** id-difensuri ċċaraw il-punt bażiku ta' kontestazzjoni, u ċjoe' jekk dak li ġie lill-konvenut bħala legat minn missieru hux l-istess oġġett li ġie trasferit lilu minn missieru b'kuntratt. Il-konvenut isostni li huma żewġ oġġetti differenti.

Rat li fis-seduta tal-**24 ta' Mejju 2017** l-konvenut iddikjara li ma kienx fadallu aktar provi. **Rat ukoll li dakinhar il-partijiet qablu li eventwalment irid jiġi nominat Perit Tekniku.**

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-proċess.

**L-assi tal-ġenituri tal-kontendenti:**

Il-kawża odjerna hija għall-likwidazzjoni u qsim tal-assi Francesco Saverio Sciortino u ta' martu Angela Sciortino nee Cascun li huma l-ġenituri tal-kontendenti aħwa Sciortino.

Jirriżulta li l-assi immobbli ta' kull wieħed mill-ġenituri huma s-segwenti:

*A: L-assi immobbli ta' Angela Sciortino* (li mietet fid-09.02.1979):

- ¾ indiviż mill-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbug;
- ½ indiviż tal-ġnien anness mal-fondi 53 u 54, Triq Sidntna tal-Anġli, Żebbuġ;
- $^{5}/_{12}$ indiviż mill-għalqa *"Tan-Nanna"* (kejl 1T-1S-5K), tal-Ħrieri, Żebbuġ;
- $^{3}/_{5}$ indiviż mill-għalqa *"Il-Wejla"* (kejl 3T-5S-5K), tal-Ħrieri ta' fuq, Żebbuġ;

- $^{3}/_{5}$ indiviż mill-għalqa *"tat-Torri"* (kejl 1T-5S-3K), tal-Ħrieri t'isfel *sive* ta' Karċeppu, Żebbuġ;
- għalqa *"Ta' Bajdun"*, (kejl 8T) Żebbuġ;
- 14 u 15, Triq Muxi, Żebbuġ.

*B: L-assi immobbli ta' Francesco S. Sciortino* (li miet fil-05.02.1990):

- ¼ indiviż mill-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbug;
- ½ indiviż tal-ġnien anness mal-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;
- $^{7}/_{12}$ indiviż mill-għalqa *"Tan-Nanna"* (kejl 1T-1S-5K), tal-Ħrieri, Żebbuġ;
- $^{2}/_{5}$ indiviż mill-għalqa *"Il-Wejla"* (kejl 3T-5S-5K), tal-Ħrieri ta' fuq, Żebbuġ;
- $^{2}/_{5}$ indiviż mill-għalqa *"tat-Torri"* (kejl 1T-5S-3K), tal-Ħrieri t'isfel *sive* ta' Karċeppu, Żebbuġ;
- għalqa *"Tal-Ħrieri"* (kejl 2T-3S) tal-Ħrieri, Żebbuġ (***Din pero' ġiet trasferita lill-konvenut bl-att tal-31.12.1988***)

Francesco Saverio Sciortino kellu kont bankarju fil-bank HSBC li fih kien hemm is-somma ta' **€3,286.90**.[1]

**Dispożizzjonijiet testamentarji:**

Is-suċċessjoni tal-**omm** hija regolata bit-testment *unica charta* tal-14 ta' Jannar 1979 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba, filwaqt li s-suċċessjoni tal-**missier** hija regolata bit-testment li huwa għamel fit-28 ta' Ottubru 1987 fl-atti tan-Nutar Joseph H. Saydon, li permezz tiegħu ħassar kull testment ieħor li kien għamel preċedentement.

*A: It-testment unica charta tal-1979*

Permezz ta' dan it-testment *unica charta*, Antonia Sciortino, flimkien ma' żewġha Francesco Saverio Sciortino, innominaw lill-erba uliedhom bħala eredi universali f'ishma ugwali bejniethom, u ħallewlhom is-segwenti prelegati:

[1] fol 217, Data tal-*istatement* 26.09.2014

- lil **Giuseppe Sciortino** il-fond 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, li jikkomprendi l-garaxx u l-arja ta' fuqu, il-bitħa ta' wara l-garaxx, kamra ġol-bitħa b'żewġ għorof fuqha u l-arja ta' fuqhom; u l-arja ta' fuq il-fond 53 fl-istess triq, u nofs il-parti ta' fuq tal-ġnien fuq in-naħa tal-garaxx numru 54 fl-istess triq; f'din il-biċċa tal-ġnien hemm żewġt ibjar li minnhom irid jagħti l-ilma lil Filippa Farrugia;

- lil **Alfred Sciortino** il-fond 53, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ mingħajr l-arja tiegħu u nofs il-parti ta' fuq tal-ġnien fuq in-naħa tal-fond imsemmi b'żewġt ikmamar; f'din il-parti tal-ġnien; Dan il-fond jikkonsisti f'entrata f'żewġ kmamar fuq it-triq u tnejn oħra warajhom u *toilet*. Fil-parti tal-ġnien imħolli lill-imsemmi prelegatarju hemm żewġt ibjar oħra li minnhom irid jagħti l-ilma lil oħtu Filippa Farrugia.

  (*Ġie ordnat li l-prelegatarji għandhom jaqsmu dan il-ġid bi spiża ugwali wara li l-fondi jiġu stmati minn perit, u kwalunkwe differenza ta' valur tiġi ekwiparata fi flus, fil-waqt li jagħtu Lm200 (€466) kull wieħed lil oħthom Filippa Farrugia*).

- lil **Filippa Farrugia** l-ġnien li tidħol għalih minn 36, Triq Ħali, Żebbuġ, bil-patt li tagħlaq il-bieb li hemm bejn dan il-ġnien u l-ambjenti mħollija lil Giuseppe u Alfred Sciortino, filwaqt li tħalli komunikazzjoni għall-mili tal-ilma mill-ġonna mħollija lilhom; u nofs indiviż tal-għalqa *"Ta' Bajdun"*;

- lil **Caterina Gatt** il-fond 14 u 15, Triq Muxi, Żebbuġ; u nofs indiviż tal-għalqa *"Ta' Bajdun"* bil-patt li tagħti s-somma ta' Lm400 lil oħtha Filippa Farrugia;

- lill-**erba' ulied,** ir-raba' f'Tal-Ħrieri (bil-kejl kumplessiv ta' 10T) b'mod li **Giuseppe u Alfred Sciortino** jieħdu 7 tomniet bejniethom (3.5T kull wieħed) u Filippa u Caterina jieħdu 3 tomniet bejniethom (1.5T) kull waħda).

*B: It-testment ta' Francesco S. Sciortino tal-1987*

Permezz ta' dan it-testment, il-missier, Francesco Saverio Sciortino ħassar it-testmenti kollha preċedenti tiegħu. Huwa nnomina lill-erba' uliedu bħala eredi universali tiegħu f'ismha indaqs, u ddispona kif ġej:

- lil **Giuseppe Sciortino** legat tal-fond 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, kif deskritt fit-testment *unica charta*, bl-obbligu li jħallas lil Filippa Farrugia Lm200;

- lil **Alfred Sciortino** legat tal-fond 53, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, kif deskritt fit-testment *unica charta*, bl-obbligu li jħallas lil Filippa Farrugia Lm200;

- lil **Filippa Farrugia** legat tal-ġnien li tidħol għalih minn 36, Triq Ħali, Żebbuġ, kif deskritt fit-testment *unica charta;*

- lil **Caterina Gatt** legat tal-fond 14/15 Triq Muxi, Żebbuġ, bl-obbligu li tagħti s-somma ta' Lm400 lil oħtha Filippa;

- lil **Alfred Sciortino** legat ta' tomna u nofs (1.5T) mill-għalqa "Tal-Ħrieri", liema porzjon għandha tiġi magħżula mill-istess Alfred Sciortino;

- lil **Filippa Farrugia** legat ta' Lm300 (€699);

- lil **Filippa Farruga u lil Caterina Gatt** legat tal-flus kontanti kollha (esklużi l-flus depożitati fil-banek) bl-obbligu ta' kura u serviġi;

- it-testatur iddikjara li tul l-aħħar 6 snin huwa dejjem ħallas Lm5 kull erba' ġimgħat lil Giovanni (bin Giuseppe Sciortino) u li kien anke tah Lm1,260 (€2,936) bħala ħlas għal kura u serviġi;

- it-testatur iddikjara wkoll li hu ddona lil ibnu **Giuseppe Sciortino** <u>£1,300</u> (proprjeta’ parafernali tiegħu) u jordna li tiġi kkunsidrata bħala li ġiet imħollija lil Giuseppe Sciortino akkont tas-sehem tiegħu u għalhekk ma tkunx <u>eżenti mill-kolazzjoni;</u>

<u>**Il-kuntratt ta’ “tpartit” tal-31 ta’ Diċembru 1988, li fil-fatt kien “donazzjoni”**</u>**:**

Illi sena wara li Francesco Saverio Sciortino għamel it-testment tal-1987, huwa u ibnu l-konvenut Alfred Sciortino għamlu kuntratt ta’ **“tpartit”** li permezz tiegħu Francesco Saverio Sciortino ttrasferixxa lil Alfred Sciortino l-għalqa “Tal-Ħrieri” deskritta bħala li għandha kejl ta’ *circa* 3T u proprjeta` parafernali tiegħu, u Alfred Sciortino da parti tiegħu ttrasferixxierlu għodda tar-raba’ tal-istess valur (Lm200).

Madanakollu il-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet “Giuseppe Sciortino et vs Alfred Sciortino” (1421/92) fit-3 ta’ Ottubru 2008 ikkonkludiet li t-trasferiment tal-għalqa ma kellux jitqies bħala oneruż, imma *invece* bħala wieħed gratwitu, u li effettivament l-għalqa kienet ġiet mogħtija b’**donazzjoni** lil Alfred Sciortino.

<u>**Provi dwar min għandu l-pussess tal-fondi 53 u 54 fi Triq Sidtna tal-Anġli u l-ġnien ta’ miegħu, il-fond 14/15 fi Triq Muxi, u l-għalqa *“Ta’ Bajdun”***</u>**:**

<u>Joseph Gatt</u>, bin Caterina Gatt, xehed illi l-għalqa *“Ta’ Bajdun”* (imħollija b’legat lil ommu u lil zitu Filippa Farrugia) ilha f’idejhom minn meta Angela u Francesco Saverio Sciortino kienu għadhom ħajjin, u li wara li miet Francesco Saverio Sciortino din inqasmet bejniethom u kulħadd jaf fejn hi tiegħu.

<u>L-attur Giuseppe Sciortino</u> xehed li l-problemi nqalgħu meta kienu marru għand in-Nutar Laferla biex jaqsmu u kienu saru jafu bil-kuntratt ta’ tpartit, tant li kienu spiċċaw fil-kawża fuq imsemmija (1421/92). Qal li kif miet il-missier, hu, Filippa u l-konvenut qasmu bejniethom id-dar fi Triq Sidtna tal-Anġli bi qbil

bejniethom skont it-testmenti. Qal li Filippa għalqet il-bieb tal-ġnien u ħadet il-ġnien fi Triq Ħali li għadu fil-pussess tagħha sa llum; hu u l-konvenut qabbdu l-perit Mikelanġ Refalo biex jagħmel l-istima tad-dar skont it-testmenti u mbagħad tellgħu ħajt biex qasmu bejniethom il-bqija tad-dar. Qal li l-ispiża inqasmet bejnu u bejn il-konvenut u kull wieħed ħa l-pussess tal-parti tiegħu. Kompla jgħid li kien hemm ekwiparazzjoni dovuta minnu lill-konvenut u lil Filippa Farrugia skont l-istima tal-perit, u spjega li għalkemm ried iħallashom kollox baqa' mwaħħal minħabba fil-kawża fuq imsemmija.

Il-konvenut Alfred Sciortino fl-affidavit tiegħu kkonferma li l-qasma bejn il-fondi 53 u 54 Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, u l-ġnien li jmiss magħhom diġa' saret fiżikament bejnu, bejn l-attur Giuseppe Sciortino u bejn l-attriċi Filippa Farrugia u kkonferma li kull parti qegħda fil-pussess ta' kull wieħed.

*"Il-fond numru 53 Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbug, huwa r-residenza tiegħi u ilu hekk għal żmien twil waqt li l-fond numru 54 Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, ġie mħolli b'legat lil ħija Ġużeppi skont stima ta' perit, u huwa fil-pussess tiegħu billi daħal fih. Kien hemm ġiardina ma' dawn il-fondi li kellha tinqasam bejn tlieta sa biex biċċa tmur mal-fond 53 waqt li biċċa oħra kellha tmur mal-fond numru 54, waqt li t-tielet biċċa għand Filippa Farrugia. Fil-fatt hekk ġara u kull biċċa qiegħed fil-pussess ta' kull wieħed minn dawn."*

Kontro-eżaminat ikkonferma li kien inqasam il-ġnien bejnu u bejn l-atturi Giuseppe Sciortino u Filippa Farrugia (skont it-testmenti). Ikkonferma wkoll li l-għalqa *"Ta' Bajdun"* tinsab fil-pussess tal-aħwa bniet Filippa Farrugia u Catherine Gatt u li l-fond 14/15 Triq Ħal Muxi huwa okkupat esklussivament minn Catherine Gatt (u dan skont id-dispożizzjonijiet testamentarji relattivi). **Huwa kkonferma illi l-unika kwistjoni li fadal, u li minħabba fiha qatt ma saret il-qasma, tirrigwarda l-għelieqi f'*Tal-Ħrieri* li kienu jiffurmaw parti mill-ereditajiet tal-ġenituri.**

Jirriżulta allura li l-fondi 53 u 54 f' Triq Sidtna tal-Anġli u l-ġnien ta' miegħu, il-fond 14/15 fi Triq Muxi, u l-għalqa *"Ta' Bajdun"* kollha effettivament jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji li lilhom ġew imħollija rispettivament.

Din il-Qorti għalhekk issa ser tgħaddi biex tikkunsidra l-kwistjoni dwar l-għelieqi f'*Tal-Ħrieri".*

**Provi dwar l-għelieqi f' *"Tal-Ħrieri"*:**

Illi kif fuq spjegat, il-konjuġi Sciortino, ġenituri tal-kontendenti, kellhom tlett (3) għelieqi ndiviżi bejnithom mir-raba' ***Tal-Ħrieri***, filwaqt li l-missier waħdu kellu għalqa waħda (1) oħra li kienet proprjeta' parafernali tiegħu. L-għelieqi, li jinsabu fil-limiti tas-Siġġiewi / Żebbuġ, u l-ishma rispettivi tal-ġenituri fihom huma s-segwenti[2]:

(1) **l-għalqa magħrufa "*Tan-Nanna*"**, fil-kuntrada *Tal-Ħrieri*, bid-dritt ta' passaġġ minn fuq raba' ieħor, Ins. 2981/1945 u Ins 3354/1945:

Kejl: **1T-1S-5K** ekwivalenti għal **1405.12mk** (1124.10+187.35+93.67)
Ishma: Omm **5/12 (585.47mk)**; Missier **7/12 (819.65mk)**
Pjanta: fol 191

(2) **l-għalqa magħrufa *"Il-Wejba*"**, fil-kuntrada *tal-Ħrieri* (*Tal-Ħrieri Ta' Isfel*) bid-dritt li tisserva miż-żewġt ibjar li jeżistu fl-għalqa ta' Filippo Pace, u tuża l-kamra li hemm fl-istess porzjon, Ins. 296/1945:

Kejl: **3T-5S-5K** ekwivalenti għal **4402.72mk** (3372.3+936.75+93.67)
Ishma: Omm **3/5 (2641.63mk)**; Missier **2/5 (1761.09mk)**
Pjanta: fol 185

(3) **l-għalqa magħrufa "*Tat-Torri*"** (*Tal-Ħrieri ta' Fuq, sive Tal-Karċeppu*)

Kejl: **1T-5S-3K** ekwivalenti għal **2117.06mk**(1124.1+936.75+56.21)
Ishma: Omm **3/5 (1270.24mk)**; missier **2/5 (846.82mk)**
Pjanta: fol 186

---

[2] Dan kif jirriżulta mir-riċerki pubbliċi Dok 'GS5' (fol 80-96) u Dok 'GS6' (fol 97-162)

(4) **l-għalqa magħrufa "*Tal-Ħrieri*"** fil-kuntrada *Tal-Ħrieri*
Kejl: **2T-3S** ekwivalenti għal **2810.25mk** (2248.2+562.05)
Proprjeta' parafernali tal-missier

1. Il-kejl totali ta' dawn l-għelieqi għalhekk jiġi li huwa ta' **9T-3S-3K**[3] (ċjoe' ftit iktar minn 9 tomniet u nofs) ekwivalenti għal **10,735.15mk**[4]**.** Angela Sciortino, omm il-kontendenti, jiġi li kellha kejl totali ta' 4497.34mk, filwaqt li Francesco Saverio Sciortino kellu kejl totali ta' 6237.81mk.

Issa d-dokumenti rilevanti għall-kwistjoni dwar it-tliet għelieqi f'Tal-Ħrieri huma s-segwenti:

14.01.1979 **Testment *unica charta*** tal-ġenituri tal-kontendenti, fl-atti tan-Nutar Dr Jeannette Laferla Saliba[5], fejn fir-rigward tar-raba f'***Tal-Ħrieri*** iddisponew hekk:

*"It-testaturi miżżewġin Sciortino għal wara mewthom it-tnejn iħallu b'titolu ta' **prelegat** lil uliedhom Alfred, Giuseppe, Caterina Gatt u Filippa Farrugia, ir-raba f'tal-Ħrieri limiti tas-Siġġiewi, tal-kejl kumplessiv ta' **għaxart itmien** b'mod illi Alfred u Giuseppe imisshom tlett itmien u nofs kull wieħed minnhom, u tomna u nofs kull waħda minn Caterina u Filippa."*

28.10.1987 **Testment ta' (Francesco) Saverio Sciortino** fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon[6] fejn fir-rigward tar-raba f'***Tal-Ħrieri*** iddispona hekk:

*"It-testatur qiegħed iħalli b'titolu ta' legat in piena proprjeta' lil ibnu Alfred Sciortino bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedu, tomna u nofs mill-għalqa imsejħa "Tal-Ħrieri" fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ,*

---

[3] Tomna fiha 6 sigħan, u siegħ fih 10 kejliet
[4] Tomna: 1124.1mk; siegħ: 187.35mk; kejla 18.735mk
[5] Fol 13 *et seq*
[6] Fol 17 *et seq*

*liema porzjon ta' tomna u nofs tiġi magħżula mill-istess legatarju."*

31.12.1988 **<u>Kuntratt ta' tpartit</u>** fl-atti tan-Nutar Antonio Agius[7] li permezz tiegħu Francesco Saverio Sciortino ittrasferixxa b'titolu ta' tpartit lil ibnu Alfred Sciortino l-għalqa ***Tal-Ħrieri*** limiti taż-Żebbuġ bil-kejl ta' *"tlett elef tlett mija sitta u erbgħin punt tnejn metri kwadri"* 3364.2mk[8] b'valur ta' Lm200 u in kontro-kambju u bl-istess titolu ta' tpartit Alfred Sciortino ittrasferixxa lil missieru Francesco Sacverio Sciortino għodda tar-raba bil-valur ta' Lm200.[9]

03.10.2008 **<u>Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri</u>** fil-kawża fl-ismijiet *Giuseppi Sciortino et vs Alfred Sciortino* (1421/92) fejn ġie deċiż li l-kuntratt tal-1988 huwa effettivament wieħed ta' donazzjoni u mhux wieħed ta' tpartit.

Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet fir-rigward:

(i) Minkejja li fit-testment *unica charta* tal-1979 ġie dikjarat li r-raba' tal-ġenituri f'<u>Tal-Ħrieri</u> għandu kejl kumplessiv ta' <u>10 tomniet</u> (11,241mk) jirriżulta mill-provi li l-kejl kumplessiv huwa fil-fatt ta' ftit iktar minn <u>9.5 tomniet</u> (10,735.15mk).

(ii) Bit-testment tal-1987 li għamel Francesco Saverio Sciortino huwa ħassar biss id-dispożizzjonijiet tat-testment *unica charta* tal-1979 fil-konfront tiegħu, <u>iżda mhux ukoll dawk fir-rigward ta' martu</u> (kif jippretendu l-atturi). Għaldaqstant, għal dak li jirrigwarda l-prelegat tar-<u>raba' kumplessiv</u> li kellu hu u martu f'*Tal-Ħrieri* għad irid jingħata effett fir-rigward tas-sehem ta' Angela Sciortino. Issa Angela Sciortino ma kellha

[7] Fol 184 *et seq*
[8] Jidher li l-figura tniżżlet erronjament 3364.2mk flok **3346.2mk**, kif imnizzel bil-kliem
[9] Din l-art kienet ġiet assenjata lil Francesco Saverio Sciortino **b'att ta' diviżjoni** ppubblikat min-Nutar Nikola Said tas-07.02.1960

xejn mill-<u>għalqa</u> magħrufa bħala *Tal-Ħrieri* (f'*Tal-Ħrieri*) iżda kellha ishma f'kull waħda mit-tlett għelieqi l-oħra (*Tan-Nanna, Il-Wejba* u *tat-Torri*). Din il-Qorti hija tal-fehma li kull sehem li kellha Angela Sciortino fit-tlett għelieqi (**$^{5}/_{12}$, $^{3}/_{5}$ u $^{3}/_{5}$ rispettivament**) għandu jinqasam bejn il-kontendenti fil-porzjon ta' $^{7}/_{10}$ għall-aħwa subien (Giuseppe u Alfred) u $^{3}/_{10}$ għall-aħwa bniet (Caterina u Filippa) u dan sabiex jirrifletti l-l-mod kif tqassam il-prelegat tar-raba' f'Tal-Ħrieri bejn il-kontendenti permezz tat-testment *unica charta*. Għalhekk Giuseppe u Alfred għandhom jieħdu **$^{7}/_{20}$** kull wieħed ($^{14}/_{20}$ bejniethom) filwaqt li Caterina u Filippa għandhom jieħdu **$^{3}/_{20}$** kull wieħed ($^{6}/_{20}$ bejniethom) mill-ishma li kellha **<u>ANGELA SCIORTINO</u>** f'dawn it-tlett għelieqi, u ċjoe':

| <u>*Tan-Nanna*</u> | | <u>*omm $^{5}/_{12}$:*</u> |
|---|---|---|
| Giuseppe: | $^{7}/_{20}$ ta' $^{5}/_{12}$ | = **$^{7}/_{48}$** ($^{35}/_{240}$) |
| Alfred: | $^{7}/_{20}$ ta' $^{5}/_{12}$ | = **$^{7}/_{48}$** ($^{35}/_{240}$) |
| Caterina: | $^{3}/_{20}$ ta' $^{5}/_{12}$ | = **$^{3}/_{48}$** ($^{15}/_{240}$) |
| Filippa: | $^{3}/_{20}$ ta' $^{5}/_{12}$ | = **$^{3}/_{48}$** ($^{15}/_{240}$) |

| <u>*Il-Wejba*</u> | | <u>*omm $^{3}/_{5}$:*</u> |
|---|---|---|
| Giuseppe: | $^{7}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{21}/_{100}$** |
| Alfred: | $^{7}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{21}/_{100}$** |
| Caterina: | $^{3}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{9}/_{100}$** |
| Filippa: | $^{3}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{9}/_{100}$** |

| <u>*Tat-Torri*</u> | | <u>*omm $^{3}/_{5}$:*</u> |
|---|---|---|
| Giuseppe: | $^{7}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{21}/_{100}$** |
| Alfred: | $^{7}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{21}/_{100}$** |
| Caterina: | $^{3}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{9}/_{100}$** |
| Filippa: | $^{3}/_{20}$ ta' $^{3}/_{5}$ | = **$^{9}/_{100}$** |

(iii) <u>Fil-fehma ta' din il-Qorti l-għalqa parafernali ta' Francesco Saverio Sciortino li l-istess Francesco Saverio Sciortino ttrasferixxa lill-konvenut fl-1988, hija l-istess għalqa li minnha kien ħalla lill-istess konvenut legat ta' tomna u nofs permezz tat-testment li għamel is-sena ta' qabel, fl-1987</u>.

Dan qed jingħad mhux biss minħabba l-<u>isem</u> tal-għalqa (li huwa ndikat bħala "Tal-Ħrieri" fiż-żewġ atti) iżda wkoll minħabba l-<u>kejl</u> tagħha. Permezz tat-testment tal-1987 il-missier ħalla b'titolu ta' legat lill-konvenut Alfred Sciortino tomna u nofs mill-għalqa msejħa *"Tal-Ħrieri"* b'dan li t-tomna u nofs minn tali għalqa tiġi magħżula mill-istess Alfred Sciortino. Tomna u nofs fiha **1686.15mk** (1124.1+562.05). Issa l-kejl tal-porzjonijiet indiviżi li kellu l-missier f'kull waħda mit-tlett għelieqi l-oħra (*Tan-Nanna, Il-Wejba* u *tat-Torri*) kien ta' **819.65mk**, **1761.09mk** u **846.82mk.** Il-porzjon indiviż li kellu f'kull waħda mill-għelieqi *"Tan-Nanna"* u *"Tat-Torri"* lanqas biss ikejlu tomna u nofs, filwaqt li l-porzjon li kellu fl-għalqa *"Il-Wejba"* kienet ftit biss iktar minn tomna u nofs (**1761.09mk**), u allura lanqas biss jagħmel sens li jagħti lil-legatarju l-fakolta' li "jagħżel" **1686.15mk** minnha u jħalli biss 74.94mk – li jiġu biss erba' kejliet! Dan apparti l-fatt li s-sehem tiegħu kull waħda mit-tliet għelieqi (inkluż *"Il-Wejba"*) huwa **sehem indiviż**: għalhekk lanqas biss kien f'pożizzjoni li jippermetti lil xi legatarju tiegħu "jagħżel" l-estenzjoni tal-legat tiegħu ta' tomna u nofs minnha. <u>Bilfors allura li kien qed jirreferi għall-għalqa parafernali tiegħu li tkejjel *invece* **2810.25mk**.</u>

(iv) Is-sena ta' wara, il-missier "partat" ma ibnu l-konvenut l-għalqa *"Tal-Ħrieri"* permezz tal-kuntratt tal-1988. Kif fuq spjegat, il-Qorti tal-Appell Superjuri kkonkludiet li dan ma kien tpartit xejn iżda kien *invece* donazzjoni. Il-kejl tagħha huwa indikat bħala ta' *"tlett elef tlett mija sitta u erbgħin punt tnejn metri kwadri"* (erronjament indikat bħala 3364.2mk flok **3346.2mk**) li jiġu ftit inqas minn tliet tomniet. (Jiġi pprecizat li l-għalqa *"Tal-Ħrieri"* fiha kejl ta' żewġ tomniet u nofs (2T 3S) ekwivalenti **għal 2810.25mk** u għalhekk jidher li hemm diskrepanza ta' nofs tomna / 3 sigħan.)

(v) Issa skont l-<u>Artikolu 702(3) tal-Kodiċi Ċivili</u>, jekk il-legatarju ikun akkwista l-ħaġa mingħand it-testatur b'titolu gratwitu, il-legat jitqies bħala imħallas. Alfred Sciortino effettivament akkwista l-legat ta' tomna u nofs mill-għalqa *"Tal-Ħrieri"* meta missieru ttrasferielu (b'donazzjoni, skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell) l-għalqa kollha kemm hi (inkluż it-

tomna u nofs) is-sena ta' wara, u allura għandu jitqies li l-legat ta' tomna u nofs tħallas.

(vi) Ifisser għalhekk li mill-ishma li kellu **FRANCESCO SAVERIO SCIORTINO** f'kull waħda mit-tliet għelieqi l-oħra (*Tan-Nanna, Il-Wejba* u *tat-Torri*), u ċjoe' **$^{7}/_{12}$, $^{2}/_{5}$ u $^{2}/_{5}$ rispettivament**, il-kontendenti għandhom ¼ kull wieħed, u ċjoe':

| *Tan-Nanna* | | *missier $^{7}/_{12}$:* |
|---|---|---|
| Giuseppe: | ¼ ta' $^{7}/_{12}$ | = **$^{7}/_{48}$** |
| Alfred: | ¼ ta' $^{7}/_{12}$ | = **$^{7}/_{48}$** |
| Caterina: | ¼ ta' $^{7}/_{12}$ | = **$^{7}/_{48}$** |
| Filippa: | ¼ ta' $^{7}/_{12}$ | = **$^{7}/_{48}$** |

| *Il-Wejba* | | *missier $^{2}/_{5}$:* |
|---|---|---|
| Giuseppe: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |
| Alfred: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |
| Caterina: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |
| Filippa: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |

| *Tat-Torri* | | *missier $^{2}/_{5}$:* |
|---|---|---|
| Giuseppe: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |
| Alfred: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |
| Caterina: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |
| Filippa: | ¼ ta' $^{2}/_{5}$ | = **$^{10}/_{100}$** |

(vii) Isegwi li s-sehem kumplessiv (ċjoe' mill-wirt taż-żewġ ġenituri) li għandu kull wieħed mill-kontendenti fir-rigward ta' kull waħda mit-tliet għelieqi huwa s-segwenti:

| *Tan-Nanna* | *omm $^{5}/_{12}$* + | *missier $^{7}/_{12}$* | = | ***total $^{12}/_{12}$:*** |
|---|---|---|---|---|
| Giuseppe: | $^{7}/_{48}$ | $^{7}/_{48}$ | | **$^{14}/_{48}$** |
| Alfred: | $^{7}/_{48}$ | $^{7}/_{48}$ | | **$^{14}/_{48}$** |
| Caterina: | $^{3}/_{48}$ | $^{7}/_{48}$ | | **$^{10}/_{48}$** |
| Filippa: | $^{3}/_{48}$ | $^{7}/_{48}$ | | **$^{10}/_{48}$** |
| | | | | ($^{48}/_{48}$) |

| *Il-Wejba* | *omm $^{3}/_{5}$* + | *missier $^{2}/_{5}$* | = | ***total $^{5}/_{5}$:*** |
|---|---|---|---|---|
| Giuseppe: | $^{21}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{31}/_{100}$** |
| Alfred: | $^{21}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{31}/_{100}$** |
| Caterina: | $^{9}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{19}/_{100}$** |
| Filippa: | $^{9}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{19}/_{100}$** |
| | | | | ($^{100}/_{100}$) |

| *Tat-Torri* | *omm $^{3}/_{5}$* + | *missier $^{2}/_{5}$* | = | ***total $^{5}/_{5}$:*** |
|---|---|---|---|---|
| Giuseppe: | $^{21}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{31}/_{100}$** |
| Alfred: | $^{21}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{31}/_{100}$** |
| Caterina: | $^{9}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{19}/_{100}$** |
| Filippa: | $^{9}/_{100}$ | $^{10}/_{100}$ | | **$^{19}/_{100}$** |
| | | | | ($^{100}/_{100}$) |

**Jirriżulta li t-tliet għelieqi jinsabu fil-pussess tal-konvenut**.

**L-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni:**

Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, din il-Qorti ħalliet din l-eċċezzjoni għall-aħħar. Il-konvenut fir-risposta tiegħu ssolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 845(1) li jipprovdi hekk:

*"L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."*

Illi din il-preskrizzjoni ġiet interpretata mill-Qrati tagħna bħala waħda akkwiżittiva u mhux estintiva. Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu hu dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih azzjoni ereditarja.

Fil-kawża *"Alfred Cachia et vs Carmelo Cachia"* deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-27 ta' Ottubru 2017, ġie ritenut hekk:

*"Il-preskrizzjoni taħt dak l-artikolu titqies waħda akkwiżittiva u għalhekk teħtieġ mhux biss il-mogħdija ta' żmien iżda wkoll il-pussess, bil-kwalitajiet kollha li jrid l-art. 2107(1) tal-Kodiċi Ċivili – fosthom li jkun "mhux ekwivoku" – f'idejn dak li jressaq l-eċċezzjoni".*

Issa jirriżulta li l-prelegati li tagħhom qed tintalab l-immissjoni fil-pussess fit-tieni, tielet u r-raba' talbiet, effettivament jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji rispettivi, u għaldaqstant tali talbiet huma fil-fehma ta' din il-Qorti superfluwi, u allura lanqas hu l-każ li titqies l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tagħhom.

Fir-rigward tat-tliet għelieqi in kwistjoni dawn jinsabu fil-pussess tal-konvenut. Il-konvenut jippretendi li t-tomna u nofs (1.5T) li tħalliet lilu b'legat permezz tat-testment tal-1987 ma tiffurmax parti mill-art li akkwista bil-kuntratt tal-1988 (u allura skont hu jiġi li tifforma parti minn waħda mit-tliet għelieqi l-oħra f'Tal-Ħrieri: ċjoe' *Tan-Nanna, Il-Wejba* jew *tat-Torri*.) Kif fuq spjegat din il-Qorti rriżultalha li dan mhux il-każ, u li *invece* t-tomna u nofs li tħalliet lilu b'legat hija nkluża fit-trasferiment tal-għalqa magħrufa bħala *"Tal-Ħrieri"* f'Tal-Hrieri, mertu tal-kuntratt tal-1988. <u>Issa għalkemm il-konvenut, kif ingħad, jippretendi li t-tomna u nofs imħollija lilu bħala legat bit-testment tal-1987 tifforma parti minn xi waħda mit-tliet għelieqi, u għalkemm it-tliet għelieqi jinsabu fil-pussess tiegħu, ma jistax jitqies li t-tomna u nofs in kwistjoni ġiet akkwistata minnu bil-preskrizzjoni tal-għaxar snin *ai termini* tal-Artikolu 845(1).</u> Dan qed jingħad għaliex minkejja li qed jippretendi li tomna u nofs minn waħda mit-tliet għelieqi

hija tiegħu, tali tomna u nofs baqgħet qatt ma ġiet identifikata, u għalhekk ma jistax jingħad li kien jippossjediha *animo domini* inekwivokament.

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi:**

**(i) tilqa' l-ewwel (1) talba u tiddikjara li l-assi ereditarji tal-konjuġi Sciortino, ġenituri tal-kontendenti huma s-segwenti:**

- **il-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;**
- **il-ġnien anness mal-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;**
- **l-għalqa *"Tan-Nanna"* (kejl 1T-1S-5K), tal-Ħrieri, Żebbuġ;**
- **l-għalqa *"Il-Wejla"* (kejl 3T-5S-5K), tal-Ħrieri ta' fuq, Żebbuġ;**
- **l-għalqa *"tat-Torri"* (kejl 1T-5S-3K), tal-Ħrieri t'isfel *sive* ta' Karċeppu, Żebbuġ;**
- **l-għalqa *"Ta' Bajdun"*, (kejl 8T) Żebbuġ;**
- **il-fond 14 u 15, Triq Muxi, Żebbuġ;**
- **€3,286.90 f'kont bankarju fl-HSBC.**

**(ii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2), tielet (3) u r-raba' (4) talbiet, *stante* li l-immobbli msemmija fihom diġa' jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji relattivi;**

**(iii) u mis-somma li jifdal ta' €2588, is-sehem ta' kull wieħed mill-aħwa ($^1/_4$) hu ta' €647 *oltre* imgħaxijiet, iżda peress li Giuseppe ħa £1,300 u skont it-testment tal-1987 għandhom jitqiesu li ħadhom akkont tas-sehem tieghu. Ghalhekk is-somma ta' €2,588 trid tinqasam $^1/_3$ kull wieħed u waħda bejn Filippa, Caterina u Alfred Sciortino;**

**(iv) tilqa' l-ewwel parti tal-ħames (5) talba u tiddikjara li l-kontendenti għandhom kwart (¼) indiviż kull wieħed mid-depożitu bankarju fl-HSBC fl-ammont ta' €3,286.90 u kwalsiasi imgħaxijiet li ddekorrew fuqu mill-2014 'l hawn, u li fir-rigward tat-tliet għelieqi f'Tal-Ħrieri**

**magħrufa bħala *Tan-Nanna, Il-Wejba* u *tat-Torri,* l-ishma tagħhom huma kif ġej:**

***<u>Tan-Nanna:</u>***
**Giuseppe:** $^{14}/_{48}$
**Alfred:** $^{14}/_{48}$
**Caterina:** $^{10}/_{48}$
**Filippa:** $^{10}/_{48}$

***<u>Il-Wejba:</u>***
**Giuseppe:** $^{31}/_{100}$
**Alfred:** $^{31}/_{100}$
**Caterina:** $^{19}/_{100}$
**Filippa:** $^{19}/_{100}$

***<u>Tat-Torri:</u>***
**Giuseppe:** $^{31}/_{100}$
**Alfred:** $^{31}/_{100}$
**Caterina:** $^{19}/_{100}$
**Filippa:** $^{19}/_{100}$

**(v) it-tieni parti tal-ħames (5) talba u l-kumplament tat-talbiet jiġu deċiżi fi stadju ulterjuri wara li din il-Qorti jkollha l-fehmiet tekniċi fuqhom.**

**L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**